

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/288****tat-22 ta' Frar 2022****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' kenn tar-rescEU u l-modifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' kwalità għall-kapaċitajiet tat-Timijiet Medici ta' Emerġenza tat-Tip 3***(notifikata bid-dokument C(2022) 963)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1)(g) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tistabbilixxi l-qafas legali tar-rescEU. Ir-rescEU hija riżerva ta' kapaċitajiet fil-livell tal-Unjoni li għandha l-għan li tipprovdi assistenza f'sitwazzjonijiet ta' urġenza partikolari fejn il-kapaċitajiet eżistenti ġenerali fil-livell nazzjonali u dawk impenjati mill-Istati Membri għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux jistgħu jiżguraw rispons effettiv għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 12(2) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu ddeterminati billi jitqiesu r-riskji identifikati u dawk emerġenti, il-kapaċitajiet ġenerali u l-lakuni fil-livell tal-Unjoni. Hemm erba' oqsma li fuqhom jenħtieġ li r-rescEU tiffoka b'mod partikolari, jiġifieri t-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (chemical, biological, radiological and nuclear, "CBRN"), ir-rispons mediku ta' emerġenza, kif ukoll it-trasport u l-loġistika.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/570 <sup>(2)</sup> tistabbilixxi l-kompożizzjoni inizjali tar-rescEU f'termini ta' kapaċitajiet u r-rekwiżiti ta' kwalità tagħha. S'issa, ir-riżerva tar-rescEU tikkonsisti f'kapaċitajiet ta' tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika mill-ajru, timijiet mediċi ta' emerġenza, il-ħażna ta' tagħmir mediku jew tagħmir protettiv personali ("kapaċitajiet ta' ħażna medika"), jew it-tnejn li huma, kapaċitajiet ta' dekontaminazzjoni CBRN u kapaċitajiet ta' ħażna CBRN.
- (4) Analiżi tar-riskji identifikati u emerġenti kif ukoll tal-kapaċitajiet u l-lakuni fil-livell tal-Unjoni tiżvela l-ħtieġa għal kapaċitajiet ta' kenn temporanju.
- (5) Il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-lakuni kwalitattivi u kwantitattivi fil-kapaċitajiet ta' kenn ġiet identifikata f'diversi operazzjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ("il-Mekkaniżmu tal-Unjoni") matul dawn l-aħħar snin, u kienet riflessa fl-"Evaluation Study of Definitions, Gaps and Cost of Response Capacities for the Union Civil Protection Mechanism" <sup>(3)</sup> (Studju ta' Evalwazzjoni ta' Definizzjonijiet, Lakuni u l-Kost ta' Kapaċitajiet ta' Rispons għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili) tal-2019. Barra minn hekk, l-esperjenza operazzjonali mit-terremoti li laqtu lill-Kroazja f'Marzu 2020 u f'Diċembru 2020 ikkonfermat il-lakuna għal kapaċitajiet ta' kenn minkejja operazzjonijiet ta' rispons fil-pront fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni li fihom ipparteċipaw diversi Stati Membri.
- (6) L-għan ewlieni tal-kapaċità ta' kenn temporanju tar-rescEU, meta tiġi skjerata matul operazzjoni ta' rispons fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, huwa li tipprovdi kenn temporanju lill-popolazzjonijiet affettwati, li jinkludi spazju għall-akkomodazzjoni, għall-iġjene u s-sanità, għas-servizzi mediċi bażiċi u għal-laqgħat soċjali.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 924.<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/570 tat-8 ta' April 2019 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kapaċitajiet tar-rescEU u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE (ĠUL 99, 10.4.2019, p. 41).<sup>(3)</sup> [https://ec.europa.eu/echo/system/files/2020-01/capacities\\_study\\_final\\_report\\_public.pdf](https://ec.europa.eu/echo/system/files/2020-01/capacities_study_final_report_public.pdf)

- (7) Jenħtieġ li l-kapaċità ta' kenn temporanju tar-rescEU tikkonsisti f'riżerva fiżika ta' assi ta' kwalità għolja għal rispons rapidu jew riżerva virtwali ta' assi modifikabbli li jstgħu jiġu skjerati f'fażi sussegwenti meta meħtieġa għal operazzjonijiet ta' rispons fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, jew it-tnejn li huma.
- (8) Skont l-Artikolu 12(4) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-kapaċitajiet ta' rispons li jiffurmaw parti mir-rescEU għandhom jiġu definiti f'konsultazzjoni mal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-istandards minimi għal kapaċitajiet ta' kenn temporanju jkunu bbażati fuq l-istandards ta' kenn fil-kapitlu "Shelter and Settlement" (Kenn u Insedjament) tal-iSphere Handbook (Il-Manwal Sphere) <sup>(4)</sup>.
- (9) Jenħtieġ li l-kapaċitajiet ta' kenn temporanju jiġu stabbiliti biex jirrispondu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli, f'konformità mal-kategoriji msemmija fl-Artikolu 3d tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.
- (10) Sabiex tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-iżvilupp ta' dawn il-kapaċitajiet ta' kenn temporanju, f'konformità mal-Artikolu 21(3) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, jenħtieġ li l-kostijiet eliġibbli jiġu stabbiliti billi jitqiesu l-kategoriji stipulati fl-Anness Ia ta' din id-Deċiżjoni.
- (11) L-inizjattiva tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) reċentement irrevdied l-istandards <sup>(5)</sup> għall-kapaċitajiet tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tat-tip 3 (Kura Inpatient b'Riferiment). Għaldaqstant, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' kwalità għal dan it-tip ta' Tim Mediku ta' Emerġenza tar-rescEU jiġu mmodifikati kif xieraq.
- (12) Ir-riflessjonijiet fuq it-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19 komplew juru l-ħtieġa għal aktar flessibbiltà u modularità tal-kapaċitajiet tat-tim mediku ta' emerġenza tar-rescEU. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-rescEU jinkludi kapaċitajiet tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tat-tip 2 (Kura Inpatient Kirurġika ta' Emerġenza) ikkomplementati minn servizzi ta' kura speċjalizzata, f'konformità mal-istandards tal-inizjattiva tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tad-WHO.
- (13) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 tiġi emendata kif xieraq.
- (14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 33(1) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1a huwa emendat kif ġej:
  - (a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
 

“(2) ‘Tim mediku ta' emerġenza tat-tip 3 (Kura Inpatient b'Riferiment)’ tfisser tim ta' emerġenza skjerabbli ta' persunal mediku u persunal ewlieni ieħor imħarreġ u mgħammar biex jittratta pazjenti affettwati minn diżastru u li jipprovdni kura inpatient kirurġika b'riferiment, inkluż kapaċità ta' kura intensiva.”;
  - (b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:
 

“(3) ‘Riżerva ta' kenn virtwali’ tfisser arranġament wieħed jew aktar arranġamenti ma' fornituri magħżula li għandhom jiġu attivati fuq talba biex jipprovdnu ċerti kwantitajiet ta' assi speċifiċi f'perjodu ta' żmien predefinit.”;
- (2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
  - (a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
    - (i) il-ħames inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:
 

“— kapaċitajiet fil-qasam ta' inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari.”

<sup>(4)</sup> Ara “Sphere Handbook: Humanitarian Charter and Minimum Standards in Humanitarian Response” (Il-Manwal Sphere: Karta Umanitarja u Standards Minimi fir-Rispons Umanitarju), ir-raba' edizzjoni, Ġinevra, l-Iżvizzera, 2018.

<sup>(5)</sup> Ara “Classification and minimum standards for emergency medical teams” (Klassifikazzjoni u standards minimi għat-timijiet mediċi ta' emerġenza), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2021.

(ii) jiżdied is-sitt inċiż li ġej:

“— kapaċitajiet ta' kenn.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) kapaċitajiet tat-tim mediku ta' emerġenza tat-tip 2 (Kura Inpatient Kirurġika ta' Emerġenza) jew tat-tim mediku ta' emerġenza tat-tip 3 (Kura Inpatient b'Riferiment), jew it-tnejn li huma;”

(ii) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(h) kapaċitajiet ta' ħażna kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari (chemical, biological, radiological, and nuclear, CBRN);”

(iii) jiżdied il-punt (i) li ġej:

“(i) kapaċitajiet ta' kenn temporanju.”

(3) L-Artikolu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 3a*

**Il-kostijiet eliġibbli tal-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika mill-ajru tar-rescEU, tal-kapaċitajiet tat-tim mediku ta' emerġenza tat-tip 2 u tat-tip 3, tal-ħażna medika, tad-dekontaminazzjoni CBRN, tal-kapaċitajiet ta' ħażna CBRN u tal-kapaċitajiet ta' kenn temporanju**

Il-kategoriji tal-kostijiet kollha msemmija fl-Anness Ia tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-kost eliġibbli totali tal-kapaċitajiet tar-rescEU.”

(4) fl-Artikolu 3e, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“3. Il-kapaċitajiet tar-rescEU msemmija fl-Artikolu 2(2)(c) sa (i) għandhom jiġu stabbiliti bl-għan li jimmaniġġjaw riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli.

4. Meta l-kapaċitajiet ta' rescEU msemmija fl-Artikolu 2(2)(c) sa (i) jiġu skjerati skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri 100 % tal-ispejjeż operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 23(4b) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.”;

(5) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
Janez LENARČIČ  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 huwa emendat kif ġej:

(1) It-Taqsima 5 hija sostitwita b'dan li ġej:

**“5. Kapaċitajiet tat-tim mediku ta' emerġenza tat-tip 2 (Kura Inpatient Kirurġika ta' Emerġenza) jew tat-tim mediku ta' emerġenza tat-tip 3 (Kura Inpatient b'Riferiment), jew it-tnejn li huma**

Kompiti	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Il-forniment tat-tip 2 (Kura Inpatient Kirurġika ta' Emerġenza) jew tat-tip 3 (Kura Inpatient b'Riferiment), jew tat-tnejn li huma, kif deskritt mill-inizjattiva globali tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tad-WHO.</li> <li>— Il-forniment ta' funzjonijiet speċjalizzati ta' kura jew ta' appoġġ, inkluż, jekk meħtieġ, permezz ta' timijiet ta' kura speċjalizzati kif deskritt mill-inizjattiva globali tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tad-WHO.</li> </ul>
Kapaċitajiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Kapaċità ta' trattament minimu f'konformità mal-istandards tal-inizjattiva globali tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tad-WHO, fejn disponibbli.</li> <li>— Servizzi ta' binhar u ta' billejl (li jkunu disponibbli mingħajr waqfien, jekk meħtieġ).</li> </ul>
Elementi prinċipali	<ul style="list-style-type: none"> <li>— F'konformità mal-istandards tal-inizjattiva globali tat-Tim mediku ta' emerġenza tad-WHO, fejn disponibbli.</li> </ul>
Awtosuffiċjenza	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Jenħtieġ li t-tim jiżgura l-awtosuffiċjenza matul il-ħin kollu tal-iskjerament f'konformità mal-istandards tal-inizjattiva globali tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tad-WHO. Japplika l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE.</li> </ul>
Skjerament	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Disponibbiltà għat-tluq sa mhux aktar minn 48-72 siegħa wara l-aċċettazzjoni tal-offerta, u kapaċità li jsir operazzjonali fuq il-post skont l-inizjattiva globali tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tad-WHO.</li> <li>— Kapaċità li jkun operazzjonali f'konformità mal-istandards tal-inizjattiva globali tat-Tim Mediku ta' Emerġenza tad-WHO.”</li> </ul>

(2) Tizzied it-Taqsima 9 li ġejja:

**“9. Kapaċitajiet ta' kenn temporanju**

Kompiti	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Il-forniment ta' kenn temporanju lill-popolazzjonijiet affettwati, inkluż spazju għall-akkomodazzjoni, għall-iġjene u s-sanità, għas-servizzi mediċi bażiċi u għal-laqgħat soċjali.</li> <li>— Il-forniment ta' persunal għall-immaniġġjar, il-mobilizzazzjoni, l-immontar, l-istabbiliment u ż-żamma ta' unitajiet ta' kenn meta meħtieġ. Meta jsir trasferiment, it-taħriġ tal-persunal rilevanti (lokali u/jew internazzjonali) qabel it-tluq mill-kapaċità ta' kenn.</li> </ul>
Kapaċitajiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Kapaċità ta' kenn <sup>(1)</sup> magħmula minn assi li kapaċi jagħtu kenn lil tal-inqas 5 000 persuna meta jiġu skjerati simultanjament.</li> <li>— Il-kapaċità għandha tkun magħmula minn riżerva fiżika jew riżerva virtwali ta' unitajiet ta' kenn, jew mit-tnejn li huma.</li> </ul>
Elementi prinċipali	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Unitajiet ta' kenn bit-tisħin (għall-kundizzjonijiet tax-xitwa), sistemi xierqa ta' arjazzjoni (għall-kundizzjonijiet tas-sajf), u materjal bażiku, bħal sodod b'basket tal-irquad u/jew kutri.</li> <li>— Faċilitajiet ta' sanità u ta' iġjene.</li> <li>— Infermerija għal servizzi mediċi bażiċi.</li> <li>— Faċilitajiet b'diversi skopijiet għall-preparazzjoni u l-konsum tal-ikel, id-distribuzzjoni ta' ilma tajjeb għax-xorb, laqgħat soċjali.</li> <li>— Ġeneraturi tal-enerġija u tagħmir tad-dawl.</li> <li>— Settijiet bażiċi tal-iġjene.</li> <li>— Faċilitajiet xierqa ta' ħażna fl-Unjoni <sup>(2)</sup>, loġistika u sistema adegwata ta' monitoraġġ tal-ħażna ta' riżerva.</li> <li>— Arranġamenti xierqa li jiżguraw it-trasport u l-konsenja adegwata tal-unitajiet.</li> <li>— Persunal imħarreġ kif xieraq u assi għall-immaniġġjar, il-mobilizzazzjoni, l-immontar, l-istabbiliment u ż-żamma ta' assi fiżiċi fiż-żona affettwata.</li> </ul>

Awtosuffiċjenza	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Il-kapaċità hija li tiġi żgurata l-awtosuffiċjenza matul l-ewwel 96 siegħa ta' skjerament.</li> <li>— Japplika l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/762/UE.</li> </ul>
Skjerament	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Disponibbiltà għat-tluq tar-riżerva fiżika sa mhux aktar minn 24 siegħa wara l-aċċettazzjoni tal-offerta.</li> <li>— Id-durata tal-missjoni u, jekk applikabbli, il-bidu tal-proċess ta' trasferiment għandhom jiġu definiti bi qbil mal-pajjiż affettwat.</li> </ul>

<sup>(1)</sup> Il-kapaċità ta' kenn għandha tikkonforma mal-istandards minimi ta' kenn tal-kapitolu "Shelter and Settlement" (Kenn u Insedjament) tal-"[i]Sphere Handbook: Humanitarian Charter and Minimum Standards in Humanitarian Response" (Il-Manwal Sphere: Karta Umanitarja u Standards Minimi fir-Rispons Umanitarju). Għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet tal-persuni vulnerabbli.

<sup>(2)</sup> Għall-finijiet tal-loġistika tal-faċilitajiet tal-ħażna, "fl-Unjoni" tinkludi t-territorji tal-Istati Membri u tal-Istati Parteċipanti fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni tal-Protezzjoni Ċivili."